L-ARĊIDJOĊESI
TA' MALTA

Uffiċċju Komunikazzjoni

9 ta' Marzu 2019
34/2019

**KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM, B'KARA**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Charlon Muscat bħala kappillan tal-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, Birkirkara.

Dun Charlon Muscat twieled fil-30 ta' April 1985 u trabba l-Mosta fejn irċieva l-edukazzjoni fl-iskola primarja fil-Mosta. Huwa kiseb l-edukazzjoni sekondarja fl-iskola Vincenzo Bugeja, Birkirkara, u kompla l-istudji terzjarji fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta. Ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Lulju 2013.

Dun Charlon beda l-ħidma pastorali tiegħu fl-2013 fil-parroċċa tal-Familja Mqaddsa, l-Iklin, u fl-2014 inħatar Direttur tal-Vokazzjonijiet Djoċesani. Serva wkoll bħala direttur spiritwali fl-iskola tas-Seminarju Minuri u kien joffri servizz pastorali fil-parroċċa ta' Marija Mtellgħa s-Sema, Ħad Dingli.

Il-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem tiġbor fiha madwar 5,800 persuna f'1,675 familja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**